Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 342 / 2019

Il-Pulizija

[Spettur Chris Pullicino]
[Spettur Sylvana Briffa]
vs

-omissis-

-omissis-

**Ellie Briffa**

Illum, 1 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ellie Briffa, detentrici tal-karta tal-identita' numru 356793(M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Awissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe;

Talli nhar it-12 ta' Awissu 2013 ghall-habta tal-hdax nieqes kwart ta' filghaxija, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta' Thomas Mifsud u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fil-gimghat jew xhur ta' qabel it-12 t'Awissu 2013, f'dawn il-Gzejjer f'diversi okkazjonijiet differenti, ikkommettew serq ta' flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta' diversi nies mhux maghrufa;

U aktar talli nhar it-12 t'Awissu 2013 ghall-habta ta' l-hdax nieqes kwart ta' filghaxija, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil Thomas Mifsud kontra l-volonta` tieghu;

U aktar talli fil-gimghat jew xhur ta' qabel it-12 t'Awissu 2013, f'dawn il-Gzejjer, f'okkazjonijiet differenti, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil diversi persuni kontra l-volonta` taghhom meta ppuntawlhom strument li jaqta' u bil-ponta waqt serq aggravat minn fuq l-istess persuni li l-identita` taghhom ghadha mhux maghrufa;

Lil -omissis-
-omissis-
-omissis-
omissis-
-omissis-
-omissis-
-omissis-
-omissis-
-omissis-
-omissis-
-omissis-

Lil Ellie Briffa wahidha talli;

Nhar il-11 t'Awissu 2013 xi hin filghaxija, f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hebbet ghal-persuna ta' Shanelle Farrugia u kkagunatilha feriti ta' natura hafifa skont ma ccertifikat Dr. J. Casingena Garcia MD mill-Poliklinika tal-Furjana;

U aktar talli nhar it-12 t'Awissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'xi post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

U aktar talli nhar it-12 t'Awissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, irrendiet ruhha recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil -omissis-:
-omissis-

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Shanelle Farrugia u Thomas Mifsud billi tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-konfront ta' -omissis-

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) a folio 880 enumerat mill-gdid bhala fol 896 tal-process fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputata u cioe`:

(a) Fl-artikoli 261(a) u (f); 262; 270; 274; 275; 276; 277 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 18; 261(a) u (f); 262; 270; 274; 275; 276; 277 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) Fl-artikolu 18 u 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) Fl-artikoli 17, 31, 383; 384; 385; 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Ellie Briffa wahedha:

(f) Fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(g) Fl-artikolu 7(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

(h) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Dicembru, 2019, fejn il-Qorti rat illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-istess imputazzjonijiet u gialadarba hija ma rriformatx ruhha bl-ebda mod izda kompliet bil-hajja kaotika taghha din il-Qorti ma tistax hlief timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261(a) u (f), 262, 270, 274, 275, 276, 277, 281, 86, 17, 31, 383; 384; 385; 412C, 533, 214, 215, 221, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputata Ellie Briffa hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u ikkundannat lil Ellie Briffa ghal tliet (3) snin u hames (5) xhur prigunerija.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ikkundannat lill-imputata Ellie Briffa sabiex thallas l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri liema spejjez jammontaw sitta u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€96.83c).

Rat ir-rikors tal-appellanti Ellie Briffa minnha pprezentat fitd-19 ta' Diċembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ai finijiet ta' ħtija iżda tvarja s-sentenza ai finijiet ta' piena u dana billi tingħata piena aktar xierqa u li tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz odjern u dawk personali tal-appellanta.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi jidher li l-ammissjoni tagħha għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha jidher li kien nuqqas ta' ftehim bejn l-appellanta u l-avukat difensur preċedenti tagħha – kif tista' tixhed l-appellanta stess u anki l-probation officer Marilyn Formosa

2. Illi l-appellanta bħalissa hija sitt (6) xhur tqila.

3. Illi huwa minnu li l-appellanta m' hijiex iżżomm l-appuntamenti tagħha mal-probation officer iżda hi ssostni li dan qed jiġri minħabba li tkun ma tiflaħx a kawza tat-tqala tagħha.

4. Illi l-appellanta għandha tingħata l-aħħar opportunità sabiex issegwi programm kontra d-droga u dan permezz ta' pjanijiet ċari u b'miri stabbiliti.

5. Illi skont il-probation officer Marilyn Formosa l-appellanta hija persuna b'karattru dgħajjef u b'hekk teħtieġ għajnuna kontinwa u regolari.

6. Illi l-appellanta ġa għandha tifel ieħor li bħalissa qiegħed f'*foster care*. Hi għandha aċċess għalih u tmur tarah darba fil-ġimgħa flimkien ma' ommha.

7. Illi jkun fl-interess tal-partijiet kollha jekk l-appellanta tingħata l-aħħar ċans sabiex tindirizza l-problema serja ta' teħid ta' droga li għandha u sabiex tgawdi lit-tifel tagħha u t-tarbija li ser ikollha.

**8.** Illi, in oltre, l-appellanta tikkontendi li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi meta kienet qedgħa tirrifletti dwar il-piena in kwistjoni:

a. Il-fatt li l-kaz seħħ lura f'Awwissu tal-2013 u s-sentenza ngħatat f'Diċembru 2019 u għalhekk bi trapass konsiderevoli ta' żmien minkejja li l-kawża ma fijiex kumplessita iktar mill-medja. Dan minkejja li l-appellanta ammettiet l-akkużi kif dedotti kontra tagħha;

b. Il-fatt li l-appellanta tieħu d-droga u biex ikollha l-flus sabiex issostni dan il-vizzju tagħha jkollha ddur għal dawn l-affarijiet.

Ikkunsidrat,

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi gie rraportat li fit-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2014) waqt li Thomas Mifsud kien qieghed isuq fl-inhawi ta' Ta' Sliema u l-Gzira lejn ta' Xbiex, waqfet tfajla u qaltlu '*Inti gej*?' u qabdet u telghet fil-karozza tieghu u qaltlu biex isuq ghalkemm qalilha biex tinzel. Huwa saq, qaltlu biex jaghtiha ghoxrin ewro (€20) u tinzel;

2. Sussegwentement fethulu l-bieba zewg irgiel li qalulu '*Taf li taht l-eta*'?' u qalulu ili se jcemplu lil Pulizija u Mifsud qabad u cempel lil pulizija, hadulu c-cwievet tal-karozza, u Mifsud qallu li ghandu ghoxrin ewro (€20) biex jiehodha u jaghtih lura c-cwievet. Mifsud ah l-ghoxrin ewro (€20) u wiehed mill-irgiel tah ic-cavetta lura u l-irgiel telqu jigru u l-mara telqet maghhom;

3. Thomas Mifsud identifika lil Ellie Briffa fl-awla bhala l-persuna li rikbitlu fil-karozza;

4. Gie rapportat ukoll minn Shannelle Farrugia li l-appellanta Ellie Briffa fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) kienet gidmitha;

5. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellanta;

6. L-appellanta fil-bidu tal-proceduri wiegbet li mhijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha izda fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) irregistrat ammissjoni;

7. Ghalhekk l-appellanta giet misjuba hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi l-appellanta fir-rikors tal-appell taghha ddikjarat li l-appell taghha huwa limitatament dwar il-piena inflitta fuqha. Skontha, il-piena inflitta fuqha kelha tkun wahda ferm iktar miti u tirrifletti c-cirkostanzi tal-kaz odjern u dawk personali tal-appellanti.

Fl-ewwel lok fl-appell taghha tissottometti li l-ammissjoni taghha ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha jidher li kien nuqqas ta' ftehim bejn l-appellanta u l-avukat difensur precedenti taghha, kif skontha tista' tixhed l-appllanta stess u anki l-probation officer Marilyn Formosa.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li skont il-verbal tas-seduta tal-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2016) Ellie Briffa u imputat iehor kienu assistiti minn Dr Mark Vassallo. Gie vverbalizzat li '*Id-difiza qed ta' Lineker Micallef u Ellia Briffa huma propensi li jammettu l-akkuzi kif dedotti kontrihom u ghalhekk jintlab li s-Social Enquiry Report jigi konvertit fi Pre Sentencing Report li ma hemmx oggezzjoni.*' Fl-istess seduta gie vverbalizzat li '*L-imputati Lineker Micallef u Ellie Briffa irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u regghu kkonfermaw tali ammissjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom.*'

Minkejja li fir-rikors tal-appell hemm imnizzel li l-ammissjoni ghall-akkuzi kollha kienet rizultat ta' nuqqas ta' ftehim bejn l-appellanta u l-avukat difensur, fis-smiegh ta' dan l-appell ma saret l-ebda referenza u ma tressqet l-ebda prova dwar dan.

Ghalhekk jirrizulta li l-ammissjoni ittiehdet legalment u hija valida. Filfatt dan l-appell huwa limitat dwar il-piena inflitta.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanta ssottomettiet fir-rikors tal-appell li hija sitt (6) xhur tqila. Li huwa minnu li l-appellanta mhijiex izzomm l-appuntamenti taghha mal-probation officer izda li ssostni li dan qed jigri minhabba li tkun ma tiflahx a kawza tat-tqala taghha. Tissottometti li hija ghandha tinghata l-ahhar opportunita' sabiex issegwi programm kontra d-droga u dan permezz ta' pjanijiet cari u b'miri stabbiliti. Tissottometti li skont il-probation officer Marilyn Formosa hija persuna b'karattru dghajjef u b'hekk tehtieg ghajnuna kontwinwa u regolari. Li l-appellanta ghandha tifel iehor li bhalissa qieghed f'foster care, li ghandha access ghalih u li tmur tarah darba fil-gimgha flimkien ma' ommha. Gie sottomess li jkun fl-interess tal-partijiet kollha jekk l-appellanta tinghata l-ahhar cans sabiex tindirizza l-problema serja ta' tehid ta' droga li ghandha u sabiex tgawdi lit-tifel taghha u t-tarbija li ser ikollha.

In oltre, tissottometti li l-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi meta kienet qeghda tirrifletti dwar il-piena in kwistjoni u cioe' l-fatt lli l-kaz sehh lura f'Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u s-sentenza nghatat f'Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u ghalhekk bi trapass konsiderevoli ta' zmien minkejja li l-kawza ma fijiex kumplessita iktar mill-medja. Dan minkejja li l-appellanta ammettiet l-akkuzi kif dedotti kontra taghha. Kif ukoll il-fatt li l-appellanta tiehu d-droga u biex ikollha l-flus sabiex issostni dan il-vizzju taghha, jkollha ddur ghal dawn l-affarijiet.

Din il-Qorti sejra tqis ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation moghtija kemm quddiem l-Ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti. Sejra tqis ukoll il-fedina penali aggornata tal-appellanta u l-imputazzjonijiet li taghhom instabet hatja.

L-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa xehdet fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn spjegat kif Ellie Briffa ma kelliex trobbija facli minhabba li l-genituri taghha sseparaw meta hija kellha biss disa' (9) snin u anke hi spiccat ukoll tghix ghal

perjodu gewwa 'Fejda' meta kellha erbatax (14) -il sena. Hija spiccat tghix wehidha meta kellha madwar sittax (16)-il sena u kien f'dan il-perjodu li anke hi bdiet taghmel uzu mid-droga u anke tinzel ghal prostituzzjoni. Fost affarijiet ohra xehdet li bhalissa Ellie tinsab disokkupata ghalkemm hija ssostni li gieli hadmet bhala cleaner izda dawn qatt ma kienu regolarizzati. Ellie ghandha bzonn tahdem ftit aktar fuq dan l-aspett ghax ix-xoghol jaghtiha stabbilita' u skop ta' kif tqatta l-gurnata taghha. Xehdet li ghandha taghmel ukoll sforz akbar sabiex tindirizza l-problema tad-droga, ghaliex ghalkemm test li ttiehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) irrizulta fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti, kien hemm okkazjonijiet ohra fejn intalbet biex taghti kampjun u hi ma setghetx taghmel dan. Xehdet li Dr Grech isostni li ghalkemm tiehu 65ml methadone, hi mhux dejjem tmur ghal medathode u anke jsibha difficli hafna minn naha tieghu biex jahdem maghha ghaliex ma zzomx mal-pjanijiet li jkunu mfassla ghaliha. Fis-Social Inquiry Report li jinsab a fol 980 et sequitur, senjatament a fol 989 bhala pjan ta' kura tnizzel li '*Jinħass il-bżonn li Ellie Briffa tkun f'kuntatt ma' Aġenzija li toffri l-għajnuna għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u dan sabiex l-imputata tkun tista' tindirizza b'impenn il-vizzju li għandha.*' Tnizzel ukoll li '*Jidher ukoll li hija għandha wkoll issib impjieg stabbli, għaliex permezz ta' dan hija jista' jkollha struttura f'ħajitha, bil-għan li żżomm 'il bogħod mill-involviment tagħha fil-kriminalita'*.

Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) wara li l-appellanta rregistrat l-ammissjoni u regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha, gie vverbalizzat li ghandu jithejja pre-sentencing. Ghalhekk l-Ufficjali tal-Probation gew diretti sabiex jevalwaw jekk l-imputata hijiex idonea ghal servizz fil-kommunita. L-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa regghet xehdet fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn spjegat li Ellie Briffa mhijiex idonja sabiex twettaq ix-xoghol fil-komunita minhabba li fil-prezent hija ghandha problemi relatati mal-abbuz tad-droga. Xehdet li Ellie Briffa intalbet tissottometti ruhha ghal test tal-urina '*fit-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u sebgha (2017)*' madankollu hija ma attendietx ghal dan l-appuntament. Spjegat li '*fit-tmintax (17) ta' Jannar bghattilha appuntament Birkirkara u ma kienetx qed tghix hemmhekk pero' fit-tnejn (2) ta' Frar hallejtilha appuntament ma Liniker li kien gie ghal appuntament l-ufficcju u ma attendietx ghalih, fis-sittax (16) ta' Frar bghattilha appuntament il-Mosta u ma attendietx ghalih. Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar*

*mort jiena home visit u kienet l-unika mod kif jiena gbart l-informazzjoni.'* Mistoqsija jekk sabietiex hemm qalet li *'Iva kienet taf hija, pero' ghat-tnejn (2) ta' Marzu meta kellha tigi thalli l-urine test jiena l-appuntament tajtulha f' idejha fil-home visit u hi ma gietx ghall-appuntament. Ma gietx lanqas ghall-appuntament fit-tmintax (18) ta' April meta bghattilha ittra d-dar, hija cemplet biex tipposponi u mxejna l-appuntament ghat-twenty one (21) ta' April u xorta ma attendietx ghall-appuntament. Jigifieri dawk kienu l-appuntamenti kollha li tajtha biex isir ir-rapport.'* Ikkonfermat li qatt ma attendiet ghall-appuntament ghajr ghal meta marret l-Ufficjal tal-Probation. Spjegat li ma tahdimx, ir-records tal-ETC juru li ma ghandhiex xoghol registrat, u fir-rigward ta' Sedqa, Caritas jew Oasi m'hijiex f'kuntatt mal-ebda agenzija. Ir-rapport intitolat '*Rapport Verbali - Ordni ta' Servizz fil-Komunita*'' gie esebit bhala Dok MFS u jinsab a fol 1021 et sequitur.

L-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa xehdet ukoll quddiem din il-Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020). Spjegat li Ellie Briffa kienet ila f'kuntatt mad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole fl-elfejn u hdax (2011) fejn kienet bdiet tigi segwita mill-Ufficjal tal-Probation, dak iz-zmien minn Odessa Baileys fuq Ordni ta' probation ta' tlett snin. Minhabba li Ellie kienet kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha partikolarment li ma kintix zammet kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation u li kienet naqset li taghmel programm residenzjali, kienet saret denunzja u kienet giet ikundannata ghal tlett xhur prigunerija. Fl-elfejn u erbatax (2014) l-imputata giet segwiita minn din ix-xhud u cioe' minn Marilyn Formosa u giet imqabbda biex taghmel rapport fil-konfront tal-appellanta. Spjegat li '*l-attendenza tagħha qatt ma kienet waħda tant kostanti tant li min naħa tiegħi kont tlabt il-Qorti għall-aktar żmien biex nagħmel dawn ir-rapporti msemmija. Aktar minn hekk kien ġie suġġerit lilha li tagħmel kuntatt mal-aġenzija ta' rijabilitazzjoni tad-droga sabiex tagħmel programm residenzjali u tieħu l-għajnuna neċessarja kollha sabiex tegħleb il-vizzju tad-droga. Kien fi Frar tal-2019 meta' Ellie bdiet tiġi segwita fuq sentenza sospiża bis-superviżżjoni mogħtija mill-Maġistrat Natasha Galea Sciberras. Fil-bidu tas-superviżżjoni hija kienet tinsab fil-Faċilita Korettiva ta' Kordin u meta kienet ħarġet f'April tat-2019 hija bdiet programm ta' rijabilitazzjoni offrut mill-Caritas nhar il-15 t'April. Madanakollu wara ġimgħatejn li kienet bdiet il-programm Ellie kienet telqet minn din ir-residenza w imbagħad kienet irritornat lura d-dar tal-mama tagħha.*'

Spjegat li '*Hija kienet reġgħet bdiet il-proċess sabiex terġa' tidħol lura fil-programm u hija kienet rnexxiela tagħmel dann fil-21 ta' Mejju, 2019. Madankollu hija ma kienetx damet ħafna fil-programm għaliex kienet ħarbet minn hemm hekk fit-30 ta' Mejju, 2019 u minn naħa tiegħi mbagħad peress li kienu saru diversi kuntatt sabiex jiġi stabbilit kuntatt mall-appellant kienet saret denunzja fil-11 ta' Ġunju, 2019 minħabba li ma kien hemm l-ebda' tip ta' kuntatt mall-appellanta. Il-kuntatt reġa' beda aktar tard matul is-sena 2019, għalkemm dan il-kuntatt kien wieħed limitat. Minkejja li fl-4 ta' Diċembru 2019 hija kienet semmiet li kienet tqila u kellha 5 xhur tqala, il-kuntatt xorta kien baqa' wieħed limitat tant li l-kuntatt kien reġa' beda aktar sod fil-bidu tal-2020 u kienet tinsab fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.*' Spjegat li '*L-ambjent ristrett tal-habs wassal sabiex għeliba ssib l-istabilita taghha.*' Waqfet l-uzu tad-droga kif gie verifikat mit-test tal-urina li ttiehed fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020). Spjegat li applikat biex taghmel programm residenzjali waqt li qed tiskonta s-sentenza karcerarja taghha kif ukoll ghandha kuntatt regolari maz-zewg ulieda. Qieghda tigi segwita minn assistent psikologa Pamela Borg gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kif ukoll mis-social worker u care co-ordinator Mari Louise Sammut u Sarah Debattista. Ghandha sapport fil-prezenta minn ommha li wkoll bdiet proceduri sabiex tkun tista' tiehu maghha t-tarbija li Ellie kellha ftit tax-xhur ilu. Ftit tal-granet ilu Ellie bdiet tahdem fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin qed taghmel xoghol ta' pupi.

Spegat li t-trobbija ta' Ellie ma kinitx wahda facli, gejja minn familja fejn kien hemm problema kbira ta' vjolenza domestika tant li meta kellha madwar hdax (12) -il sena, ommha telqet minn ma' missierha u telqet mill-pajjiz u spiccat tghix ma' missierha pero ftit tas-snin wara meta kellha erbatax (14) -il sena, missierha kien iddecieda li kien ikun ahjar li hija tmur go istitut. Minn hemm is-sitwazzjoni baqghet dejjem sejra ghall-aghar, kienet tahrab diversi drabi, qabdet certa kumpanija u minn hmistax (15) -il sena bdiet taghmel uzu minn sustanzi illeciti tal-eroija u aktar tard tal-kokajina. Ir-relazzjoni taghha mal-familjari taghha dejjem kienu on and off, qatt ma kienu stabbli, specjalment fiz-zminijiet meta hi kienet qed taghmel uzu konsiderevoli mid-droga ghax kienet tippreferi li ma jkollix kuntatt mal-familjari ghaliex ma kinitx tkun trid li jarawha f'dak l-istat. Ftit tas-snin ilu fejn ommha kienet ghaddejja minn cancer, ir-relazzjoni taghhom tjiebet hafna. Spjegat li ghalkemm ir-relazzjoni ta' bejniethom mhix wahda perfetta, llum il-gurnata qeghda hafna ahjar,

hemm hafna aktar kuntatt u anke kuntatt li x-xhud ghamlet ma' ommha hi dejjem sostniet li dimend li Ellie Briffa tiehu l-ghajnuna li ghandha bzonn tiehu, hija lesta li tilqaha lura fir-residenza taghha, fid-dar taghha u tghix maghha.

Xehdet li qieghda ssegwiha fuq sentenza sospiza li bhalissa hemm denunzja ghaddejja fuq il-kaz. Is-sentenza sospiza baqalgha sal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) ghaddejja. Spjegat li bhala habs dimend li l-andament taghha l-habs ikun wiehed pozittiv, is-sentenza taghha mistennija tigi skontata fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022).

Spjegat li l-idea tal-programm kemm il-darba kienet giet diskussa fis-sessjonijiet li kellhom bejniethom u giet imhegga diversi drabi kemm mill-professjonisti li jahdmu maghha kif ukoll hi minn naha taghha, qisha taraha bhala soluzzjoni sabiex jirnexxiela forsi aktar il-quddiem anke jkollha lil ulieda jghixu maghha. Applikat ghal programm il-gimgha li ghaddiet pero' minhabba li baqa' sakemm tiskonta s-sentenza taghha, ghalissa ma tkunx ghadha elegibbli sabiex tibda' l-programm minn issa. Hafna drabi jibdewh meta jkun ghad baqghalhom tmienja jew ghaxar xhur mis-sentenza taghhom. Mistoqsija jekk qieghda tahdem fuq il-problema u dwar jekk qed isegwuha psychiatrist u social workers u dwar jekk qed taccetta din l-ghajnuna bhalissa wiegbet li '*Iva. Psikologa mhux psychyatrist, iva hi għandha kuntatt jiġifieri mall-psikologa u jidher li hemm pjan minn naħa tagħhom ta' fuq xiex ser jaħdmu magħha matul dan iż-żmien. Qegħdin ovvjament jagħtu każ fejn jidħli l-sab's mat-tfal tagħha li dawn qed ikunu regolari ħafna fil-preżent u nake qegħdin jaħdmu biex dejjem qed ikun hemm il-motivazzjoni neċessarja sabiex meta hi tibda' tagħmel il-program residenzjali hi taħdem fuqha nnifisha mill-aħjar possibbli sabiex tieħu dak kollu possibbli mill-programm.*'

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk jirrizulta li matul iz-zmien li l-Ufficjal tal-Probation kienet f'kuntatt mal-appellanta, ftit li xejn kien hemm progress fl-attitudni tal-appellant ghajr li ricentement meta l-appellanta tinsab fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin tiskonta sentenza u li ghalhekk tinsab f'ambjent ristrett u kontrollat.

L-imputazzjonijiet li taghhom ammettiet u taghhom instabet hatja jirrigwardaw Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel. L-appellanta rregistrat l-ammissjoni taghha fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) wara li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu tressqu. Ghalhekk l-ammissjoni certament li ma kinitx wahda bikrija. Wara li xehdu l-Ufficjali tal-Probation u gie prezentat rapport dwar ordni ta' Servizz fil-Komunita', kien hemm ftit differimenti fosthom fuq talba tad-difiza biex tirregola ruhha dwar il-piena, differiment ghax ma dehritx l-appellanta, differimenti fejn dehret l-appellanta izda ma dehrx l-Avukat, kien hemm bdil ta' Avukat li kien qieghed jippatrocina lill-appellanta u sussegwentement is-sentenza appellata nghatat fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Mill-fedina penali aggornata jirrizulta li anke waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri odjerni l-appellanta regghet ikommettiet aktar reati u ghalhekk ma jistax jinghad li l-appellanta uzufruwit ruhha mill-opportunitajiet li nghatawlha jew li uzat iz-zmien li damu ghaddejjin il-proceduri sabiex tegheleb id-diffikultajiet taghha u timxi fit-triq it-tajba.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Vella</u>'**[1] gie meqjus li:

'***8.*** *Dwar it-trapass taz-zmien, jinghad fl-ewwel lok li dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali*[2]*. Jista' f'xi kazijiet jigi kkunsidrat ghall-fini ta' piena.*[3] *L-ewwel Qorti fil-fatt hadet in konsiderazzjoni dan il-fattur. Pero`, kif intqal minn din il-Qorti fis-sede inferjuri taghha fis- sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et*** *moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002:*

***"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill- ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun***

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Settembru, 2012 (Numru: 1/2009)

[2] Ara: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Attard** (24.7.2000) u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Attard u Angelo Attard** (24.7.2000). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fis-sentenza appellata)

[3] Ara, p. ez., Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Geoffrey Azzopardi** (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fis-sentenza appellata)

***ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il- kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."***

**9.** *Issa, mill-atti ma jirrizultax illi t-tul ta' zmien kien provokat in toto mill-appellant. Izda kif jidher almenu prima facie mill-fedina penali ta' l-appellant, l-appellant huwa pluri-recidiv. Barra minn hekk jirrizulta illi nstab hati hames darbiet dwar pussess ta' droga kontra l-ligi. Tliet sentenzi dwar pussess ta' eroina jirrisalu ghal 7 ta' Lulju 1995, 11 ta' Jannar 1996 u 8 ta' Ottubru 1999. Imbaghad aktar recenti sentenza dwar pussess ta' kokaina moghtija fil-5 ta' Gunju 2009 u ohra dwar pussess ta' eroina moghtija fis-27 ta' Settembru 2011 (li tirreferi ghall-21 ta' Settembru 2009). Jigifieri l-appellant ma helisx ghal kollox mill- problema tad-droga, ma zammx imbieghed mill-ksur tal- ligi minn meta sehh il-kaz hawn in ezami, u din il-Qorti tqis anke l-pussess ta' droga bhala reat serju.*'

L-imputazzjonijiet li l-appellanta giet akkuzata bihom fil-kawza odjerna u li taghhom l-appellanta ammetiet huma reati serji u cioe' jirrigwardaw serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin, arest, zamma jew sekwestru ta' persuni, griehi ta' natura hafifa fuq persuna, tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u li anke rrendiet ruhha recidiva. Dwar l-iskop tal-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'**[4] fejn gie kkunsidrat li:

'*6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet*

***manifestament eċċessiva*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-*

*piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**__aspett riedukattiv__** u **__rijabilitattiv__** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li '*Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-istess imputazzjonijiet u gialadarba hija ma rriformatx ruhha bl-ebda mod izda kompliet bil-hajja kaotika taghha din il-*

*Qorti ma tistax hlief timponi piena karcerarja.'* Din il-Qorti tqis li minkejja li jirrizulta li ricentement l-appellant wriet ix-xewqa li ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni u test tal-urina mehud fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) wera li waqfet l-uzu tad-droga, din il-Qorti tqis li gialadarba prezentement l-appellanta tinsab f'ambjent kontrollat u ristrettiv u cioe' tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ma ghandux ikun hemm tibdil fil-piena. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena imposta mill-Ewwel Qorti izda tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellanta tkompli tinghata l-ghajnuna kollha possibli sabiex tkompli tghelbu l-vizzju tad-droga u ghalhekk tigi esplorata l-possibilta' li tinghaqad f'program ta' rijabilitazzjoni ta' kontra d-droga waqt li tkun qed tiskonta is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena.

Din il-Qorti qieghda tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellanta tkompli tinghata l-ghajnuna kollha possibli sabiex tkompli tgheleb il-vizzju tad-droga u ghalhekk tigi esplorata l-possibilta' li tinghaqad f'program ta' rijabilitazzjoni ta' kontra d-droga waqt li tkun qed tiskonta s-sentenza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur